MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1105/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**

**vs**

**Daniel Lanzon**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Daniel Lanzon, ta’ 23 sena, bin Alexander u Carmen nee’ Cefai, mwieled Pieta fit-30 ta’ Settembru, 1985, u li joqghod fil-fond Nru. 61, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 567485M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe',

1. Talli fil-11 t'April, 2004 fil-Qasam Industrijali tal-Mriehel limiti ta' Hal-Qormi u f'inhawi ohra differenti f'dawn il-Gzejjer, ghall-habta ta' bejn is-siegha u t-tlieta u nofs ta' wara inhar, ikkommetta serq ta' vettura tal-marka Ford Escort Van bin-numru tar-registrazzjoni TFD 515, minn go garaxx bl-isem ta' 'J & A', liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi €2329.37 (Lm1000), u bil-lok, ghad-detriment ta' Mario Joseph McKeon minn Hal-Qormi u tal-kumpanija 'Melita Cable plc' tal-Mriehel, kif ukoll ta' Joseph Cassar minn Marsaxlokk u Anthony Cassar mill-Mellieha.

2. Talli, fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn gol-garaxx bl-isem ta' 'Motor Medic', wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi sgassa hgiega ta' tieqa, liema delitt ma' giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, ghad-dannu ta' Brian Muscat mill-Mosta.

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta' izjed minn €23.29 (Lm10), izda anqas minn €116.47 (Lm50), u cioe' fil-fond bl-isem ta' 'J & A Garage' u fil-fond bl-isem ta' 'Motor Medic Garage' li jinsabu fil-Qasam Industrijali tal-Mriehel limiti ta' Hal-Qormi, ghad-detriment ta' Joseph Cassar minn Marsaxlokk u Anthony Cassar mill-Mellieha, u ta' Brian Muscat mill-Mosta rispettivament.

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' vettura tal-marka Ford Escort Van bin-numru tar-registrazzjoni TFD 515.

5. Talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati ta' diversi reati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistawx jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta' Jannar, 2011 (esebita a fol. 165 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikolu 261(b)(c), 264, 265, 267, 278(1)(2), 279 (b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) Fl-artikolu 41(1)(a), 261(b)(c), 264, 265, 267, 278(1)(2), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) Fl-artikolu 17, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2012, l-imputat ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' vann tal-marka Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni TFD 515 liema serq sehh fil-11 t'April 2004 ghall-habta tat-3.30pm mill-garaxx bl-isem ta' 'J&A' li jinsab fil-Qasam Industrijali tal-Imriehel u liema vann kien jappartjeni lill-kumpanija Melita Cable plc kif ukoll attentat ta' serq li sar fl-istess jum, lok u hin mill-fond bl-isem ta' Motor Medic u hsara volontarja kagunata fil-garaxx bl-isem ta' 'J&A'.

Illi mill-provi rrizulta li l-vann li nsteraq mill-fond 'J&A' instab abbandunat xi sieghat wara li nsteraq f'post vicin ta' fejn kien insteraq u rrizulta wkoll li meta sar l-attentat ta' serq mill-fond Motor Medic beda' jdoqq l-alarm u l-malvivent jew malviventi telqu minn fuq il-post. Irrizulta

wkoll li meta daqq l-alarm kien hemm certu Manuel Vella[1] li ra guvni liebes T-Shirt abjad hdejn il-garaxx u dan qallu li kien hemm ghaliex taret l-alarm. Mill-provi rrizulta wkoll li sid il-garaxx Motor Medic, Brian Joseph Muscat,[2] kien ghadda lil Pulizija filmat ta' CCTV recording mehud mill-video cameras li kellu nstallati fil-fond in dizamina riferibbli ghad-data u hin li sehh l-attentat ta' serq[3] u minn dan il-footage PS 516 Alfio Borg hareg l-istills li gew esebiti a fol. 41 u 42 tal-atti processwali. Brian Joseph Muscat meta xehed f'dawn il-proceduri gharaf l-istills appena indikati bhala dawk mehuda mill-footage tac-CCTV cameras li huwa kien ghadda lil Pulizija u qal li huwa kien ra dan il-footage qabel ma tah lil Pulizjia.

Ikkunsidrat:

Illi dwar is-serq tal-vann mill-fond 'J&A' saret Inkjesta Magisterjali[4] fejn gew nominati diversi esperti li n-nomina taghhom giet debitament konfermata minn din il-Qorti permezz ta' digriet tal-24 ta' Marzu 2010. Mill-Process Verbal relattiv ghal din l-Inkjesta Magisterjali jirrizulta li wara li l-Pulizija kienet inghatat informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat Daniel Lanzon kien involut fis-serq tal-vann mill-fond 'J&A' intalbet il-hatra ta' espert tal-impronti digitali sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn il-lifters li gew elevati mis-Scene of the Crime Officers PS171 Karl Glanville u PC1147 Antoine Fenech[5] mill-vann li nsteraq u imbaghad instab u l-impronti digitali tal-imputat li gew elevati minn PC453 Brian Cassar[6] fejn giet mahtura bhala espert il-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante[7] fejn hija kkonkludiet is-segwenti:-

***"L-Espert innominta ezaminat id-DOK 04 AYS 301, u ghandha tirrelata illi dan il-lifter ma jigbor fih l'ebda marka ta' impronta digitali.***

---

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta' Dicembru 2010.
[2] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udejnza tas-7 ta' Ottubru 2010.
[3] CD bil-footage relattiv inserit a fol. 110 tal-atti processwali.
[4] Process Verbal relattiv inserit a fol. 31 tal-atti processwali.
[5] Rapport relattiv inserit a fol. 31 sa 38 tal-Process Verbal.
[6] Rapport relattiv inserit a fol. 42 sa 47 tal-atti processwali.
[7] Rapport relattiv inserit a fol. 50 sa 56 tal-Process Verbal.

***L-Espert innominata ezaminat id-DOK 04 AYS 302, u ghandha tirrelata illi dan il-lifter, ukoll, ma jigbor fih l'ebda marka ta' impronta digitali.***

***L-Espert innominata ezaminat id-DOK 04 AYS 303, u ghandha tirrelata illi dan il-lifter jigbor fih marki ta' impronti digitali zviluppati permezz ta' black powder, elevati permezz ta' lifting tape, fuq cobex trasparenti.***

***L-Espert tirrelata illi dawn l-impronti kienu tajbin ghal komparazzjoni, izda meta gew imqabbla mal-impronti digitali ta' Daniel Lanzon, inkiseb rizultat negattiv.***

***L-Espert innominata ezaminat id-DOK 04 AYS 304. u ghandha tirrelata illi dan il-lifter jigbor fih marki ta' impronti digitali zviluppati permezz ta' black powder, elevati permezz ta' lifting tape, fuq cobex trasparenti.***

***L-Espert tirrelata illi dawn l-impronti ma kienux tajbin ghal komparazzjoni.***

***L-Espert innominata ezaminat id-DOK 04 AYS 305, u ghandha tirrelata illi dan il-lifter jigbor fih marki ta' impronti digitali zviluppati permezz ta' aluminium powder, elevati permezz ta' lifting tape, fuq cobex trasparenti.***

***L-Espert tirrelata illi dawn l-impronti kienu tajbin ghal komparazzjoni, izda meta gew imqabbla mal-impronti digitali ta' Daniel Lanzon, inkiseb rizultat negattiv."***

Fl-istess Inkjesta Magisterjali kien gie mahtur espert addizzjonali tal-impronti digitali, Joseph Mallia,[8] bl-inkarigu li jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali elevati mis-Scene of The Crime Officers minn fuq ix-xena tad-delitt u l-impronti digitali tal-imputat fejn huwa kien ikkonkluda s-segwenti:-

[8] Rapport relattiv inserit aa fol. 67 sa 91 tal-Process verbal.

***“Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti 04 AYS 301, 04 AYS 302, 04 AYS 303, 04 AYS 304 u 04 AYS 305 “lifters” li jigbru fihom impronti digitali zviluppati permezz ta’ “alluminium” u “black powder” u elevati permezz ta’ “lifting tape” fuq “acetate sheet” trasparenti formanti parti mill-inkjesti dwar l-allegat serq ta’ vettura “Ford Escort” numru ta’ registrazzjoni TFD 515 gewwa garaxx bl-isem ta’ G & A fi Triq l-Imprenditur, l-Imriehel, limiti ta’ Hal-Qormi skond rapport tal-pulizija ta’ l-11 ta’ April 2004, u dokumenti 04 AYS 501 formola ta’ l-impronti digitali u 04 AYS 502 formola tal-marki tal-pali ta’ l-idejn ta’ Daniel Lanzon, numru tal-karta ta’ l-identita’ 567485(M), l-esponent jikkonkludi dan li gej:***

***a. Illi l-impronti li jidhru fuq il-“lifters” dokumenti 04 AYS 301, 04 AYS 302, l-ewwel(1) impronta tad-dokument 04 AYS 303, 04 AYS 304 u tieni(2) impronta tad-dokument 04 AYS 305 huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghal-komparazzjoni u identifikazzjoni u ghalhekk ma’ jistghux jigu kkomparati mad-dokumenti 04 AYS 501 formola ta’ l-impronti digitali u 04 AYS 502 formola tal-marki tal-pali ta’ l-idejn ta’ Daniel Lanzon, numru tal-karta ta’ l-identita’ 567485(M).***
***b. Illi t-tielet(3) impronta li giet zviluppata u li tidher fuq il-“lifter” dokument 04 AYS 303 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-werrej ta’ id ix-xellugija ta’ Daniel Lanzon, numru tal-karta ta’ l-identita’ 567485(M).***
***c. Illi t-tieni(2) impronta li giet zviluppata u li tidher fuq il-“lifter” dokument 04 AYS 303 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tan-nofs ta’ l-id ix-xellugija ta’ Daniel Lanzon, numru tal-karta ta’ l-identita’ 567485(M).***
***d. Illi l-ewwel(1) impronta li giet zviluppata u li tidher fuq il-“lifter” dokument 04 AYS 305 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tac-curkett ta’ l-id ix-xellugija ta’ Daniel Lanzon, numru tal-karta ta’ l-identita’ 567485(M).”***

Ikkunsidrat:

Illi fil-proceduri odjerni gie appuntat Ivan Portelli bhala espert tal-impronti digitali u dan permezz ta’ digriet tas-7 t’Ottubru 2010 bl-inkarigu li jaghmel ezami komparattiv tal-impronti digitali inseriti a fol. 42 u 43 tal-Process Verbal mal-impronti digitali tal-imputat. Fir-rapport tieghu li jinsab inserit a fol. 125 sa 141 l-espert Ivan Portelli kkonkluda s-segwenti:-

***“Illi wara li gew ezaminati w kkomparati d-dokumenti kollha l-esponent jikkonkludi dan li gej;***

***Illi d-dokumenti mmarkati bhala 04AYS301, 04AYS302 u 04AYS304 ma’ kienx tajbin ghal fini ta’ analizi komparattiv u ghalhekk mhux tajbin ghal fini ta’ dan l-inkarigu. Ir-rizultat fuq dawn id-dokumenti kien ghalhekk wiehed fin-negattiv.***

***Illi d-dokument immarkat bhala 04AYS305, wara li gie analizzat jirrizulta li ma’ kienx jaqbel mad-dokument market bhala Dok 04AYS501. Ghaldaqstant ir-rizultat fuq dan id-dokument huwa wiehed fin-negattiv.***

***Illi, d-dokument immarkat bhala 04AYS303, wara li gie analizzat irrizulta li gie identifikat mas-saba l-werrej u s-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija ta’ Daniel Lanzon, b’riferenza ghal faxxikolu fotografiku. Ghaldaqstant, ir-rizultat ta’ dan l-inkarigu huwa wiehed pozittiv.’***

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta ghalhekk li mir-rapport tal-espert Ivan Portelli l-lifter mmarkat bhala 04AYS303 li gie elevat minn fuq in-naha ta’ barra tal-genb tan-naha tax-xufier, vicin il-bieba tal-vann bin-numru tar-registrazzjoni TFD 515 li nsteraq fil-11 t’April 2004 taqbel mal-impronti digitali tal-imputat filwaqt li mir-rapport tal-espert Joseph Mallia jirrizulta li kemm il-lifter 04AYS303 appena indikat kif ukoll il-lifter immarkat 04AYS305 li huwa lifter li gie elevat minn fuq in-naha ta’ barra tal-bieba tax-xufier, it-tnejn jaqblu mal-impronti digitali tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tar-rizultanzi tar-rapporti tal-esperti Ivan Portelli u Joseph Mallia l-Qorti jidrilha li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Daniel Lanzon kien involut fis-serq tal-vann bin-numru tar-registrazzjoni TFD 515 li sehh fil-11 t'April 2004 mill-fond 'J&A' kif ukoll li huwa kkawza il-hsara volontarja fil-fond imsemmi. Dan jinghad ghaliex il-Qorti ma tara l-ebda raguni il-ghala l-impronti digitali tal-imputat kellhom jinstabu fuq il-vann li nsteraq u meta nsteraq kien jinstab maghluq f'garaxx ghat-tiswija salv jekk mhux ghaliex huwa kien involut fis-serq tal-istess vann. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati kemm tal-ewwel (1) kif ukoll tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu salv li ghal finijiet ta' piena it-tielet (3) imputazzjoni ser titqies li kienet mezz ghal fini tal-ewwel (1) imputazzjoni u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) fir-rigward. Huwa evidenti li r-raba' (4) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda it-tieni (2) mputazzjoni u cioe' dik li tirreferi ghall-attentat ta' serq mill-garaxx bl-isem ta' 'Motor Medic' il-Qorti jidrilha li anki din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi ghaliex minn ezami tal-istills mehuda mill-footage tas-CCTV recording mehud mill-cameras tal-istess fond fil-gurnata u hin in dizamina jidher car il-persuna li kien qed jipprova jaccedi ghal dan il-fond u l-Qorti setghat tikkonstata li l-persuna li tidher f'dawn ir-ritratti hija fil-fatt l-imputat fil-kawza odjerna. L-imputat sejjer ghalhekk ukoll jinstab hati tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda il-hames (5) imputazzjoni fejn l-imputat qed jinghata l-addebitu tar-recidiva l-Prosekuzzjoni esebiet kopji ta' sitt sentenzi li jinsabu

nseriti a fol. 48 sa 63 tal-atti processwali izda filwaqt li Dok. SM6 u Dok. SM7 jirreferu ghal sentenzi li nghataw fis-sena 2006 u ghalhekk wara li l-imputat ikkommetta r-reati li taghhom qed jinstab hati fil-kawza odjerna, s-sentenzi l-ohra ghalkemm jirreferu ghal dati qabel il-11 t'April 2004 ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' recidiva ghaliex l-imputat jew inghata Canfira u Twiddiba jew altrimenti inghata conditional discharge ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Ghal finijiet ta' piena izda ghalkemm l-imputat mhux ser jitqies bhala recidiv il-Qorti jidrilha li xorta wahda ghandha taghti piena karcerarja effettiva ghaliex mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa tul dawn l-ahhar snin kiser dufrejgh mal-gustizzja f'diversi okkazzjonijiet u ghalkemm inghata l-opportunita' li jirriforma ruhu huwa naqas milli jaghmel dan.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-20 ta' Dicembru 2010 u senjatament l-Artikoli 261(b)(c), 264, 265, 267, 278(1)(2), 279(b), 280(2), 41(1)(a), 325(1)(b), 31 u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerjia. Stante li r-raba'(4) mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinsab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-hames(5) imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnha.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf erba' mija u disgha u disghin ewro u tmintax-il ewro centezmi (€1499.18) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

MAGISTRAT

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

**Skeda A :**

| Esperti | Rapport inserit a.fol numru | Spejjez perizjali € |
|---|---|---|
| Dr. Stefano Filletti B.A. LL.D.,LL.M.(IMLI), M.Jur (Oxon) | a.fol 31 PV pg 7-27 | €310.60 |
| PS171 Karl Glanville PC1147 Antoine Fenech | a.fol 31 PV pg 31-38 | €112.97 |
| PC453 Brian Cassar | a.fol 31 PV pg 42-47 | €6.99 |
| Juliana Scerri Ferrante B.A., L.P., M.Jur.(Int.Law). | a.fol 31 PV 50-61 | €261.12 |
| Joseph Mallia -FFS-UK | a.fol 31 PV pg | €396.50 |

| | | |
|---|---|---|
| (espert tal-impronti digitali) | 67-91 | |
| Ivan Portelli Dip, B.A (Hons), MBA (Executive) | a.fol 125-141 | €411 |
| Total €1499.18 | | |

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------